# Filigrana

INTERVISTA MINN DANICA ABELA

INTERVISTA MAL-MONS. DR EDGAR VELLA

TUL TA’ ĦIN: SEBGĦA U TLETIN MINUTA U TMIENJA U ĦAMSIN SEKONDA

DATA TAL-INTERVISTA: 17 TA’ DIĊEMBRU, 2024

POST: L-ARKIVJU TAL-KATIDRAL, L-IMDINA

Illum, is-sbatax ta' Diċembru, jiena Danica Abela, qiegħda nintervista lill-Monsinjur Dr Edgar Vella fl-Arkivju tal-Katidral għall-Proġett Filigrana.

Danica Abela: L-ewwel nett grazzi talli aċċettajt din l-istedina. Mons. Dr Edgar Vella, il-President u Kuratur tal-Mużew tal-Katidral, tista' tgħidilna dwar l-ewwel involviment tiegħek fil-Katidral tal-Imdina u l-kontinwazzjoni tiegħek tul das-snin kollha li ilek taħdem f'dan il-post tant prestiġjuż?

Il-Mons. Edgar Vella: L-ewwel esperjenza tmur lura bosta bosta snin. Meta ġejt appuntat bħala Assistent Kuratur tal-predeċessur tiegħi Dun Ġwann Azzopardi, għax hekk nafuh. Voldieri kien għall-ħabta tal-elf disa' mija u tlieta disgħin, erbgħa disgħin, xi ħaġa hekk, meta ħadt dan il-post hawnhekk u niftakar dak iż-żmien l-Mużew kien differenti ħafna, m'għandux x'jaqsam mal-lum, imma dejjem kien hemm ċertu entużjażmu u, kif taqbad tgħid, sens ta' avventura biex nimxu 'l quddiem, f'dak kollu li jitlob l-iskeda ta' mużew, voldieri donazzjonijiet, katalogar, esibizzjonijiet, attivitajiet kulturali, tnedijiet ta' kotba, lekċers, dawn kienu l-ħajja ta' kuljum, tajjeb. U niftakar sa mill-ewwel ftit xhur illi kont appuntat bħala Assistent Kuratur, niftakar kienet ġietni l-idea biex nagħmel wirja tal-kurċifissi. Kienet wirja li baqgħet tissemma għal bosta snin. Kurċifissi minn kullimkien, mill-parroċċi ta' Malta kollha, jiġifieri minn Birżebbuġa sa Bormla, minn Bormla sal-Mosta, u nibqgħu sejrin, kullimkien kien hemm fuq sebgħin biċċa skultura ta' kurċifissi, u niftakar illi din il-wirja, illi kienet miftuħa fi żmien il-Ġimgħa Mqaddsa, kienet attirat, niftakarhom in-nies jgħiduli, wieħed mill-ftit drabi li raw dak il-kwantità ta' nies f'salt u Maltin biex jaraw din il-wirja, għax kien fiha, minbarra l-varjetà tal-istili, kellek il-varjetà tal-materjal, il-varjetà ta' teknika u l-espressjoni u anke tad-daqs. Jiġifieri kien hemm biċċiet minnhom ta' ftit ċentimetri u oħrajn li kienu kbar. Dik niftakar kienet l-ewwel waħda, imbagħad intgħoġbot u kont introduċejt il-wirjiet tematiċi, allura, minn darba għal oħra, għamilt diversi wirjiet bħal wirja pereżempju tal-presepji u bambini antiki, tas-seklu tmintax u dsatax. Xogħlijiet mill-isbaħ li kienu ġew minn ħafna kollezzjonijiet privati li dawn ix-xogħlijiet ma reġgħu ħarġu qatt iżjed għall-pubbliku, ma nafx x'sar minnhom. Wirja pereżempju ta' ikoni marbutin mal-passjoni ta' Ġesù, jiġifieri fuq it-twavel, fuq l-injam, kienet importantissima dik ukoll. Wirja fuq il-konfraternitajiet bid-diversi, wirja oħra Marjana, xbihat tal-Madonna minn diversi postijiet illi jkunu jiffukaw fuq suġġett wieħed u jħallu lil viżitatur jimraħ fuq dan is-suġġett u jespandi n-knowledge tiegħu fuq tema waħda, imma b'ħafna varjazzjonijiet, u kienu jintgħoġbu ħafna dawk. Naturalment ma' dawn, dak iż-żmien, kellna kumitati bħal *Friends of the Cathedral* u r-*Resources Council* li kienu jaħsbu biex inġibu l-fondi, ma kienx bħal-lum, ma kellniex l-għajnuna u l-possibilitajiet li nsibu llum, dak iż-żmien, imma dejjem għamilna mill-aħjar biex il-Mużew nippromwovuh u mmexxuh 'il quddiem.

DA: Lil hinn mill-ħafna interessi u studju li aktar tard 'il quddiem ikollna ċans niskopruhom f'intervista oħra, illum ser nistaqsik biss dwar l-interess tiegħek fl-arti tat-tradizzjoni tal-presepji. Xi tgħidilna ftit fuq din l-arti?

EV: Mela, huwa suġġett vast ħafna. L-arti tal-presepju naħseb togħġob lil ħafna ħafna ħafna nies. Jiena bħala tifel, il-presepju kien jaffaxxinani bħalma kien jaffaxxina lin-nies kollha, it-tfal kollha, bniet u subien, niftakarni mmur għan-novena, naqra ta' tifel, fl-Oratorju tal-Imġarr ma' Dun Ġużepp [Micallef] u nitpaxxa nara dawk il-pasturi, dak iż-żmien pasturi Taljani, kienu qishom ta' xi kartapesta, jew xi ħaġa hekk, xi pastamadera, imma kienu naqra mdaqqsin, pjuttost naqra kbar bħala pasturi u ta' kuluri varjati u ta' karattri differenti, u niftakar darba dawn il-pasturi, ma nafx x'sar minnhom illum, kienu dejjem jaffaxxinawni. Aħna d-dar konna dejjem nagħmlu l-presepju, ħuti l-kbar jagħmlu l-presepju, u dejjem jintiret ix-xogħol, sakemm fl-aħħar spiċċajt nagħmlu jiena. Jiġifieri hija xi ħaġa minn ewl id-dinja kulħadd qiegħed f'ambjent dak iż-żmien, iżjed illum, bħala tfal konna f'ambjent iżjed miġbur, ambjent iżjed sempliċi, ma kellniex l-affarijiet, il-mobiles u l-Internet u l-Facebook u l-affarijiet li ż-żgħażagħ għandhom illum u jqattgħu ħafna ħin fuqhom, aħna ma kellna xejn. Allura konna naraw kif nagħmlu biex nivvintaw fid-diversi episodju tas-sena. Jekk hu l-Għid, jekk hu l-Karnival konna nagħmlu l-karru, u jekk il-Milied nagħmlu l-presepju. Jiġifieri l-presepju kien xi ħaġa li drajna fiha u nagħmluh Malta hux hekk. Imma mhux il-presepju Malti, m'għandix, ħafna jgħidu għax il-presepju Malti, il-presepju Malti ġie addottat mill-presepju Sqalli, addottat u addattat għal Malta. Jiġifieri kemm fix-xenografija, kemm fil-karattri, ngħidu għax ix-xabbatur dak Malti, mhu veru xejn! U l-karattri tad-daqqaq taż-żaqq, u tax-xabbatur u tal-għaġeb u tar-rieqed, dawk kollha kien ilhom jeżistu ħafna ħafna snin qabel. Jiġiferi dawk huma kollha karattri li aħna addottajniehom minn Sqallija. Addottajniehom kemm bil-gosti, kemm bit-trasferiment ta' presepji li kienu jinxtraw minn ċertu nies nobbli jew nies ta' ċertu gosti artistiċi u jġibuhom hawn, għax tinduna anke mill-kaxxa li kien ikollhom, kienet tkun infurrata bit-tartaruga jew inkella kien ikun fiha, fejn naf jiena, ċertu xogħol ta' induratura li m'hawnx it-tip li nagħmlu Malta u affarijiet oħra. Però aħna tajnieh, addattajnieh, tajnieh libsa Maltija. U fuq din, niġu għal dan id-diskors later on meta nitkellmu fuq il-presepju l-ġdid tal-Katidral. Jiġifieri aħna, imbagħad, bdejna npoġġu fih il-ġulbiena quddiemu jew il-qamħ jew is-sagħtar. Il-presepju kif tersaq lejh ixxomm is-sagħtar, illum ma tistax tagħmilha għax huwa protett bħala arbuxell, is-sagħtar. Però s-sagħtar Malti kien element importanti fil-presepju. Imbagħad nagħmlu l-mitħna bil-paletti kbar bħal tax-Xarolla, iżjed qisha mitħna Maltija, u min jagħmel il-girna Maltija, u dawn l-elementi komplew żiedu biex il-presepju jieħu libsa aktar lokali. Jiġifieri dawn huma affarijiet li għenu l-evoluzzjoni tal-presepju jimxi 'l quddiem sakemm, imbagħad, ħa naħseb, l-iżjed li ħa l-volta 'l quddiem kien permezz tas-Soċjetà tal-Mużew u ta' Dun Ġorġ Preca. Qabel kien hawn presepji, mela ma kienx hawn, u wieħed, uħud, mill-protagonisti ewlenin kienu r-reliġjużi, speċjalment ir-reliġjuzi Taljani jew Sqallin li kienu jiġu Malta fil-kunventi tagħna, fid-diversi kunventi, kollha kien ikollhom reliġjużi ġejjin minn postijiet oħra minn madwar l-Ewropa li ħafna minnhom kienu jġibu magħhom it-teknika tax-xema', u t-teknika tax-xema' u tat-tela [tila] bil-kolla biex jlibbsuhom u anke tat-terracotta. U ovvjament dawn kienu mod kif influwenzaw u għenu, imbagħad, 'il-Maltin u bdew jirrepetu bħalhom u bdew u bdiet dieħla iżjed, imbagħad kellek familja minn Ħal Lija kwantità ta' bambini, il-

bambini ta' Ħal Lija nxerdu ma' Malta kollha, reġgħu ġew moda issa, bil-Bambin bil-mant aħmar u bil-qalb imdendla. Din hija evoluzzjoni li kibret u mal-polz tal-poplu Malti, fis-sempliċità tiegħu, dejjem nieħdu pjaċir nagħmlu dawn l-affarijiet, u ninkoraġġixxi li nżommu din it-tradizzjoni, qas qatt li tibqa' għaddejja b'ċertu entużjażmu u mħabba.

DA: U kif innammrajt mal-presepju Naplitan u x'inhuma l-kredenzjali u l-fatturi li jiddistingwuh minn presepji oħrajn?

EV: Il-presepju Naplitan innamrajt miegħu minn meta kont student. Jiġifieri qabel ma kellniex il-mezzi li għandkom illum, tfittxu fuq l-Internet u ssib li trid, li trid issib u ssaqsih id-domandi u jgħidhomlok kollha, jiktiblek anzi paper sħiħa! Dawn minn dawn ma kellna assolutament xejn. Allura inti permezz tar-rivisti ppubblikati u permezz ta' xi filmat fi żmien il-Milied, li jaf jkun hemm xi ħaġa fuq il-presepju Naplitan. U propju meta kont student, kont għadni seminarista, niftakar illi kemm fuq it-televixin black and white, dak iż-żmien li kont ninzerta xi filmat fuq il-presepji Naplitani, kienu jġibu dawn il-clips fi żmien il-Milied. U mill-ewwel mill-ewwel għidt madoffi kemm hu sabiħ! X'atmosfera, x'moviment u x'karattri u dan kollu! U darba fost l-oħrajn niftakar kont qed inqalleb rivista u kien hemm reklam tal-fotografija. U dan ir-reklam tal-fotografija bil-kulur minflok poġġa xi fjura, jew farfett, poġġa dettall mill-presepju Cuciniello fiċ-Certosa ta' San Martino ġewwa Napli. Presepju mill-isbaħ fid-dinja, mill-isbaħ. Qiegħed esibit, ilu esibit, mis-seklu dsatax ta' Michele Cucinello. Inċidentalment jiena mmur kull sena bin-nies quddiem dal-presepju u kollezzjoni li hemm f'dal-mużew fiċ-Certosa ta' San Martino. U minn dak iż-żmien 'il quddiem, bdejt dejjem niftaħ għajnejja għal xi ħaġa simili. Il-pasturi Naplitani ġo Malta, mill-esperjenza twila tiegħi, ma daħlux. Ma kellniex. Il-presepji Naplitani hija xi ħaġa purament lokali ta' Napli, ir-reġjuni kollha ta' taħt Napli u anke Sqallija daħal u anke Spanja. Għaliex naturalment, Napli u Sqallija kienu taħt ir-Renju ta' Spanja allura bilfors influwenzaw lil xulxin. Ir-Re ta' Spanja kien imur Napli u jtuh presepju bħala rigal, u n-nobbli Spanjoli kienu jmorru Napli u jixtru l-*bellenes* jew *nacimientos* dak li ngħidulu presepju, biex ituh lill-bniet tagħhom bħala parti mid-dota, ħalli jżommuh ġod-dar. Mela kien hemm influwenza. Malta din ma kellniex. Mill-esperjenza twila tiegħi, li daħal Malta u fis-seklu dsatax, kienu statwi devozzjoni Naplitani bit-teknika tal-pasturi jiġifieri tal-*pastores notabiles*, jiġifieri bil-manikin tal-qanneb u r-ras, l-idejn u s-saqajn li jitwaħħlu miegħu. Hemmhekk rajt u sibt, għall-ewwel darba, snin twal ilu, immaġini tal-Kunċizzjoni Naplitana b'din it-teknika. Kienet kollha mherrija, ovvjament, imtertqa bil-kamla, però l-kumplament kien għadu tajjeb, il-body tagħha, l-idejn u s-saqajn. Ovvjament, wara rrestawrajtha. Ma' dawn, sibt oħrajn f'Malta bħall-Madonna tal-Karmnu, San Duminku, San Ġużepp, kbar e, kbar, pjuttost imdaqqsin ġol-bozoz. Jiġifieri dawn kienu statwi Naplitani bit-teknika tal-*pastores notabiles* li kienu jinxtraw jew jakkwistawhom in-negozjanti kif ikunu ġejjin, jew jordnawhom jew jixtruhom u jġibuhom Malta. Statwa Naplitana, purament Naplitana minn fuq s'isfel, bil-pedestall b'kollox ġo bozza u tinżamm id-dar. Il-presepju per se ma daħalx, iżjed konna influwenzati mill-presepju Sqalli u rajt kemm-il darba presepji Sqallin fil-kollezzjonijiet privati f'Malta.

Qiegħed ngħid għall-presepji tax-xema', presepji tal-avorju u presepji tal-alabastru. U presepji ta' dawn il-materjali imma bl-aċċessorji tal-korall, tas-seashells u tal-madreperla biex tifhmu l-kumpless kollu tagħhom. Il-pastur Naplitan u l-presepju Naplitan kif saqsejtni tajjeb inti jagħmlu speċjali u partikulari għax huwa verament Naplitan dan, tagħhom. U għaliex huwa tagħhom? Għax in-Naplitani għarfu jaqbdu l-episodju tan-Nativitià, l-episodju Bibliku mit-Terra Santa, jaqilgħuh minn postu u jġibuh fil-belt tagħhom tas-seklu tmintax jew seklu sbatax u tmintax. Mela inti qiegħed tara n-Nativitià bil-glorja tal-anġli mbagħad ħa taraha fl-ambjent tas-sud tal-Italja. Bil-blat u bit-*tufo* Naplitan. Bit-taverni bil-mod tagħhom ukoll, il-bricks tagħhom, bit-*tegole*, bit-*tufo*, il-ġebel tagħhom, bl-elementi arkitettoniċi, il-funtana, il-pont, il-parti bukkonika tar-ragħajja u ħafna sezzjonijiet oħra li meta tgħaqqadhom jikkostitwixxu l-presepju monumentali, sħiħ. Kollha għandhom in-narrattiva tagħhom. Allura, meta għadda ż-żmien jiena bdejt infittex u bdejt insib il-pasturi, il-pieces mill-markets tal-antikwarjat, niftakar l-ewwel li sibt ġol-Ingilterra u bdejt nixtri u nixtri u bdejt insib iżjed u iżjed sakemm il-kollezzjoni bdiet tikber. Bdiet tikber b'tali mod, dan jieħu s-snin e, sakemm imbagħad fl-elfejn u erbgħa, meta Dun Ġwann Azzopardi kien qiegħed jikkommemora l-anniversarju tal-ftuħ tal-Wignacourt Museum, kien qalli għamlilna xi ħaġa. Għidtlu tridx nagħmlu presepju Naplitan għax il-kollezzjoni kibret b'mod li nista nesibiha. Ma kellix il-karattri li għandi llum, bla dubju, imma stajt nesibiha, u dak kien l-ewwel darba li ġie esibit Malta, il-presepju Naplitan. Il-presepju li oriġina Napli, li nħadem min-Naplitani u bit-teknika ta' Napli, oriġinali. Wieħed irid jagħmel differenza bejn il-kollezzjonist u l-artiġjan. Il-kollezzjonist ħa jmur għal pieces oriġinali u antiki, l-artiġjan ser jikkopja x'kienu jagħmlu u jagħmel u jlibbishom u jaħmihom Ta' Qali ġo wieħed minn dawn tal-pottery u jiżbagħhom u jlibbishom u jixtri mill-ħwienet tal-Belt id-drapp u jagħmilhom pasturi. Sbieħ ukoll imma wieħed irid jagħmel differenza bejn il-kollezzjonist u l-artiġjan. Jiġifieri jiena nista' ngħid li introduċejt il-presepju Naplitan f'Malta bl-ewwel wirja li saret fl-elfejn u erbgħa u minn dakinhar 'il quddiem ma ħaristx lura, bqajt dejjem insib u nsegwi l-irkantijiet, insegwi l-kuntatti ta' nies li jsibuli minn barra minn kollezzjonijiet privati, minn familji nobiljari, ma nafx kemm-il kuntatt għandi, kwantità kbira, sa bħalissa qiegħed għaddej minn trattattivi biex nakkwista karattru attribwit ma' Lorenzo Bosqua, wieħed mill-artisti tas-settecento importanti fl-arti presepjali Naplitana. Li kien hemm miriade ta' artisti jimmodellaw dawn il-pasturi. Allura n-namra tiegħi bdiet minn dik l-imbierka page tal-magazine, biex ngħidu hekk, u baqgħet tevolvi f'moħħi sakemm issa għandi kollezzjoni enormi, presepju sabiħ ħafna, li jekk il-Bambin irid is-sena d-dieħla, mhux issa, għax issa ma nlaħħqux, ikun esibit permanentement il-Mużew tal-Katidral, u għalhekk l-Imdina jkollha żewġ presepji mill-isbaħ f'Malta għall-viżitaturi, wieħed fil-Katidral u ieħor fil-Mużew tal-Katidral. Dwar l-evoluzzjoni tal-presepju Naplitan u l-episodji narrattivi nista' nibqa sejjer u ma niqfux, jiġifieri hemm ħafna ħafna xi tgħid.

Traskritt minn Danica Abela. Qari ta' Provi: Mr Wayne Farrugia

DA: 'Il quddiem, anke minħabba li għad forsi tagħtina xi sorpriża, għad nerġgħu nintervistawk fil-fond dwar il-presepju Naplitan, allura xtaqna niffukaw fuq il-proġett tal-presepju l-ġdid tal-Katidral, li inawgurajt ftit tal-jiem ilu. X'inhu l-ħsieb wara dal-proġett?

EV: Tajjeb, mela l-idea oriġinajtha jiena, ressaqtha lill-Kapitlu u l-Kapitlu, b'għaqal kbir, aċċetta l-proposta li l-Katidral ikollu l-presepju tiegħu. Il-Presepju Naplitan li kont narma jiena għal għaxar snin sħaħ, narma u nżarma u narma u nżarma, kont qiegħed nagħmel ħsara lil figuri antikissimi u delikati ħafna, allura ma kienx li nibqa' sejjer, ma kinitx tagħmel sens. Allura l-idea kienet li l-Katidral jaħseb li jkollu l-presepju residenti tal-Katidral u l-Mużew jospita l-kollezzjoni tal-presepju Naplitan. Kollu bil-figuri, bl-aċċessorji, kollox, bl-*iscoglio*, bix-xenografija li qiegħed isir ħafna xogħol biex tkun xi ħaġa serja. Issa dwar l-għażla, jiena, wara li rajt diversi xogħlijiet, deherli li wieħed mill-aqwa skulturi li għandna bħalissa fix-xogħol tal-iskultura tal-injam polikroma, huwa ħadd ħlief Ramon Cuenca Santos. U kkomunikajt miegħu u ċempiltlu u kellimtu u għidtlu bl-idea tagħna, bil-proġett, wara li kelli l-go ahead min-naħa tal-Kapitlu, bla dubju ta' xejn, u bdew t-trattattivi biex naraw il-loġistika kollha, biex isir kuntratt, isiru l-affarijiet kif għandhom isiru. U ovvjament kelli miegħi l-kumitat ad hoc biex inkunu nistgħu bejnietna li l-affarijiet ikollhom bidu sod biex nibdew, jiġifieri l-bozzetti rajniehom, l-isketch rajnieh, il-bozzetti rajniehom, għaddew mit-test, kienu sbieħ, u għadhom sbieħ, u issa qegħdin fil-Mużew il-bozzetti, issa, il-bozzetti tal-presepju u mbagħad bdejt sentejn sħaħ ta' komunikazzjoni miegħu bl-Ispanjol, niktiblu u jiktibli, niktiblu, u ngħidlu, "Għidli x'inti tagħmel, ibgħatli r-ritratti tax-xogħol, ħalli dan l-imbierek jitlesta meta għandu jitlesta, għax il-kuntratt kellu deadline." U d-deadline, aħna ridna nlestu min-naħa tal-Kapitlu u d-deadline għalih irid ilesti għax imbagħad hemm il-multi u jeħilhom hu, mhux hekk! U meta beda jibgħatli r-ritratti bdejt nirrealizza xi ġmiel ta' skultura kapaċi jagħmel. Jiena kont diġà naf bil-kwalità għolja tal-iskultura tiegħu imma mbagħad, permezz tar-ritratti li beda jibgħat, bdejt diġà fil-parti inizjali meta kienu għadhom imqattgħin fl-injam, diġà bdejt nara ċertu kwalità, kwalità superjuri e. Fil-manipulazzjoni tal-injam. Fil-fatt uża l-injam taċ-ċedru, niżżel il-panneġġjatura sa, naħseb jiena, xi four millimeters, ara x'finezza e, fejn għandu l-panneġġjatura tal-mant itir u hekk. Imbagħad ippolikromat biż-żebgħa taż-żejt. Ovvjament hu uża l-għajnejn tal-kristall, imbagħad uża teknika Spanjola li Malta ma tintużax naturalment u l-Italja lanqas, illi jagħmel il-false eyelashes fil-figuri presepjali tiegħu. Voldieri għandhom teknika l-Ispanjoli fl-istatwarju kollu, mhux fil-pasturi biss, f'kollha illi jagħmlu l-eyelashes, dawn t'hawn, billi jaqta' pinzell partikulari, imbagħad iwaħħalhom waħda waħda, ta' fuq u ta' isfel, b'mod li meta tħares lejn l-istatwa inti tara d-dell jaqa' fuq il-wiċċ tal-eyelashes li qegħdin, u jagħmluh, irenduh iżjed reali, il-figura, mhux hekk. Naturalment sakemm waslu l-kaxxi kont, kif naqbad ngħid, anzjuż ħafna għaliex beda jagħfas iż-żmien, u l-kaxxi għadhom ma waslux, imbagħad kellhom xi holiday Spanja u ma jaħdmux, imbagħad kellna t-tlettax [ta' Diċembru] x'jismu, kellna festa fit-thirteenth u ridt it-trasport ta' Malta u ridt li jġibhomlna fil-ħin, għamel mod li waslu, raqdu fil-Katidral lejliet li ġie hu. Mort għalih l-airport u bqajna ġejjin hawnhekk biex

ftaħna l-kaxxi għaliex hu qalli li hu jrid jiftaħhom hu, rightly so, biex tara li kollox sew. Ftaħna l-kaxxi u, għall-grazzja t'Alla, kollox wasal intatt u poġġiehom u ppożizzjonahom hu kif suppost u, qed ngħid kif suppost, għaliex? Min ma jifhimx, mill-ewwel jgħid, dak għaliex qiegħed hekk, dak għax qiegħed hekk u għaliex il-kamra qisha bankarella? U dawn jitkellmu bla ma jifhmu u bla ma jistaqsu, u jien ngħid, jaħasra. Ħa nibda biex nispjega ftit ix-xenografija li qiegħda tospita l-presepju, hija kamra tipikament Maltija mela żewwiġt l-aspett Malti mal-aspett tax-xogħol Spanjol imma x-xogħol Barokk, kif naraw fil-Knejjes kollha, m'għandhomx tikketti li huwa ta' Spanja, għax inħadem hemm, imma x-xogħol huwa tipikament Barokk. Il-kamra illi qiegħda tospita l-presepju hija kamra illi fil-fatt teżisti, kif inhi mkissra, dilapidata, teżisti fit-triq, li mill-Manikata ddur il-Mellieħa u ddur għall-vapur t'Għawdex, kif iddur fir-raba' hemm kamra mwaqqgħa bil-pala tal-bajtar quddiemha, dik hija l-kamra li ispiratni biex inpoġġi l-presepju fiha. Kelli diġà ħsieb li nuża l-aspett ta' kamra kif uża Giuseppe Calì fid-diversi xeni tan-Natività u tal-Epifanija, juża qisha dar, kamra ftit umli. U jiena ħadt l-idea minn din il-kamra li teżisti fil-limiti tal-Mellieħa, fiha dan l-aspett rustiku sabiħ hekk imwaqqa', min jaf kemm stejjer tista' tirrakkonta din il-kamra, u għidt mela din nagħmluha l-kamra li tospita l-presepju u l-presepju ġie mpoġġi mill-iskultur stess, minn Ramon Cuenca Santos, fil-pożizzjoni tagħhom fejn tirrispikka s-simetrija u d-dimensjoni. Mela, meta wieħed lejn il-kumpless jinduna li l-kumpless tal-figuri presepjali huma qegħdin impoġġija f'nofs tond, arc, f'semicircle. Huwa s-semicircle tipiku Rinaxximentali. Meta wieħed iħares lejn ix-xogħol Rinaxximentali ta' Raffaelo, ta' Michelangelo, ta' Da Vinci, isib li, ħafna drabi, jużaw semicircle jew triangle biex ipoġġi l-figuri tiegħu f'dimensjoni perfetta u, allura, mit-tarf tal-mant tar-ragħaj mgħaġġel għall-ponta tal-bastun ta' San Ġużepp għas-saqajn tal-pastur l-ieħor għarkopptejh, għandna semicircle. Mela dik hija s-simetrija li ntużat biex jitqiegħdu fiha l-figuri presepjali. Imbagħad għandek il-logħob tad-dijagonali, importanti dan li wieħed jifhmu, illi inti għandek il-persunaġġi qegħdin jikkomunikaw ma' xulxin, mhux just tpoġġi l-pasturi, kif jagħmlu ħafna mingħajr ma jkun hemm ħsieb biżżejjed, mela, allura, għandek il-Madonna b'dik il-ħarsa materna, b'dik il-ħarsa divina, b'dik il-ħarsa umli, dik il-ħarsa ta' ħlewwa li qiegħda tħares lejn il-Bambin Ġesù u l-Bambin Ġesù qiegħed jitbissem u jħares lejha, hemm il-kuntatt bejn il-Mother and Child. Imbagħad għandek il-ħarsa bejn San Ġużepp u l-pastur għarkopptejh li qiegħed jagħti dahru lejn il-viżitatur, imma dak qiegħed biex iħares lejn San Ġużepp. San Ġużepp qiegħed iħares lejh u hu qiegħed iħares lejn San Ġużepp u San Ġużepp qiegħed iħares lejh fejn qiegħed il-Bambin, mela għandek il-komunikazzjoni, ħares lejja u nindikalek fejn hu s-Salvatur tad-dinja. Imbagħad għandek anġlu puttin żgħir, illi filwaqt li qed iħares lejn ix-xena tan-Natività qrib il-Bambin Ġesù, qiegħed joffri warda, il-warda tal-Madonna, il-warda, il-fjura sinonima mal-ikonografija Marjana, minbarra li tfakkarna fir-Rużarju u dawn l-affarijiet. Imbagħad għandek il-pastur l-ieħor, mgħaġġel bil-mant imtajjar qiegħed iħares b'ċertu kurżità lejn ix-xena kollha, qiegħed jgħid, ara wasalt fl-aħħar, b'nifsu maqtugħ, idejh fuq sidru, qed jistagħġeb, idejh miftuħa għaliex qiegħed jara l-meravilja tat-twelid ta' Sidna Ġesù Kristu, imbagħad għandek kerubin li mhu qed iħares lejn ħadd, dak qiegħed iħares

’il barra. U tgħidli, dak x’inhu hemm, qed jiċċassa lejja? Dan huwa l-iskop tal-iskultur. Dak il-kerubin li hemm ħdejn saqajn il-Madonna qed iħares lejn l-ispettatur, lejna biex jistedinna, issa intom idħlu fl-episodju tan-Nativitȧ, immeditaw fuq il-misteru tar-reinkarnazzjoni u l-presepju għamluh xi ħaġa iżjed minn just oġġett ta’ dekorazzjoni imma oġġett ta’ meditazzjoni, hekk għandu jkun. Il-presepju għandu jkun element li jgħinna nitolbu. Jiġifieri niftakar fi tfuliti, meta kont tifel, konna noqogħdu quddiem il-presepju u nkantaw l-għanjiet tal-Milied, naħseb illum m’għadhiex moda din, imma hekk konna nagħmlu biex nidħlu anke fl-ambjent spiritwali tal-presepju. Imbagħad għandna aspett ieħor illi huwa s-simboli tal-gifts, li qed jagħtu r-rigali. Mela l-pastur mgħaġġel bil-mant imtajjar għandu ħdejn saqajh il-ħaruf. Il-pastur li qiegħed għarkopptejh għandu ħdejh iċ-ciotola bil-bajd. Xi jfissru dawn? Mela fin-nofs għandna n-Nativitȧ, il-misteru tal-inkarnazzjoni li l-Iben t’Alla sar Bniedem u għammar fostna. Għammar fostna u Sar Bniedem, bħall-bniedem, bħall-bniedem, f’kollox imbarra fid-dnub, obda sal-mewt u sal-mewt tas-salib – il-ħaruf mela, jiena l-Ħaruf t’Alla li nneħħi d-dnub tad-dinja, mela l-ħaruf tas-sagrifiċċju ħdejn il-pastur il-wieqaf, ifakkarna fil-misteru tar-redenzjoni, tal-passjoni ta’ Sidna Ġesù Kristu u ċ-ciotola bil-bajd, tfakkarna fir-reżurezzjoni, għax il-bajda tfisser, tissimbolizza l-qawmien, għax mill-bajd joħroġ il-fellus, għalhekk aħna nagħtu l-bajd tal-Għid għaliex il-bajda tfisser reżurezzjoni. Mela għandna l-misteru tal-inkarnazzjoni, il-misteru tar-redenzjoni fil-ħaruf u l-misteru tal-Qawmien ta’ Kristu Rxoxt permezz tad-don tal-bajda li jirrispekkja l-ħajja. Aspett ieħor imbagħad huwa l-kuluri illi juża. Il-kuluri taż-żejt imma, il-kuluri li juża l-artist, huma taż-żewġ shades differenti. Mela, fil-parti ċentrali, is-Sagra Familja, u l-anġli għandhom kuluri pastellini, ċari, biex jissimbolizzaw id-divinitȧ, l-ispiritwalitȧ, id-dawl tal-qdusija. Il-kuluri tar-ragħajja huma aktar oskuri, li jissimbolizzaw l-umanitȧ u d-dgħufija tal-bniedem. Mela, hawnhekk ukoll, għandek fil-kuluri, id-divinitȧ u l-umanitȧ, il-grazzja, id-dawl u l-fragilitȧ tal-bniedem li wkoll jidħlu flimkien. Imma, imbagħad, il-kumpless kollu fl-ambjent Malti tal-kamra dilapidata, huwa mżejjen b’diversi elementi lokali, il-fuħħar u l-qasab biex ikomplu jdaħħlu l-ispettatur fl-ambjent rustiku Malti folkloristiku li jinżel tajjeb, bla dubju ta’ xejn, ma’ kull min iżuru.

EV: Wara li qsamt magħkom xi ħsibijiet, riflessjonijiet u informazzjoni dwar il-presepju l-ġdid tal-Katidral Metropolitan, l-ewwel nett inħeġġiġkom biex tiġu żżuruh għaliex huwa presepju veru sabiħ. Presepju artistiku, prezzjuż, skulturat fl-injam u tara finezza kbira, ta’ min jarah. Barra minn hekk, tajjeb illi nħeġġiġkom illi tipparteċipaw ukoll fil-funzjonijiet li jkollna fil-Katidral tal-Imdina, fil-quddiesa ta’ nofsillejl u fil-quddiesa tal-Christmas filgħodu, iqaddes l-Arċisqof, jieħu gost ħafna żgur illi jara quddiemu kongregazzjoni sabiħa ta’ Maltin, jipparteċipaw fis-sagrifiċċju tal-quddiesa. Ikollkom anke wkoll opportunitȧ biex taraw il-Katidral imżejjen għal dawn il-festi sbieħ. Tajjeb li nsegwu l-ħinijiet, il-ħinijiet, normalment, qisu mid-disgħa u nofs sal-erbgħa nofs, wieħed ikun jista’ jiġi jżur liberalment il-presepju, ikun qiegħed hawnhekk dieħel l-Imdina, però fil-ħinijiet tal-quddies u wara l-quddies ikun jista’ jarah. Fil-funzjonijiet speċjali ta’ lejlet il-Milied, u l-Milied ukoll, il-presepju ser ikun hemmhekk, u wieħed jkun jista’ jgawdih ukoll. Ma

baqagħli xejn iżjed ħlief, f'isem il-Kapitlu Metropolitan, nawgurawlkom Milied qaddis u hieni u sena mimlija ġid, paċi u risq.